# Il-karatteristiċi tal-komunità nisranija ewlenija fl-Atti ta' l-Appostli

P. Martin Micallef OFM Cap

## INTRODUZZJONI

Fl-istudji bibliċi, m'għadniex nitkellmu aktar mill-Evanġelju ta' San Luqa waħdu, kif lanqas ma nitkellmu mill-ktieb ta' l-Atti ta' l-Appostli waħdu. Minflok, nitkellmu aktar miż-żewġ xogħlijiet f'rabta ma' xulxin: Luqa-Atti.[1] L-għan ta' dan huwa biex nifhmu aħjar it-teoloġija jew il-messaġġ ta' San Luqa, l-awtur li tradizzjonalment huwa marbut ma' dawn iż-żewġ volumi ddedikati lil "Teofilu."[2]

L-ewwel xogħol ta' San Luqa jagħlaq bit-tlugħ ta' Ġesù fis-sema. Hekk ukoll, it-tieni volum, jiftaħ bl-istess ġrajja li sservi bħala "bridge" li tgħaqqad dawn iż-żewġ xogħlijiet flimkien.[3] L-Atti ta' l-Appostli, għalhekk, li fil-bidu tiegħu jfakkarna fl-"l-ewwel kelma" [bil-Grieg: *proton logon*] (Atti 1:1) ta' "dak kollu li Ġesù kien għamel u għallem minn mindu beda sal-jum li fih kien meħud fis-sema",[4] juri li l-istorja ma spiċċatx hawn. Minflok, issa, l-awtur jgħaddi biex jurina kif l-istorja ta' Ġesù tkompliet fl-istorja tal-Knisja li twieldet fil-Pentekoste.

Dan hu l-kontribut oriġinali ta' San Luqa għal-letteratura nisranija. Fid-daħla ta' l-ewwel kitba tiegħu huwa jistqarr li kien hemm oħrajn qablu li kitbu "bl-ordni f'rakkont wieħed il-ġrajja li seħħew fostna."[5] Minkejja dan, huwa San Luqa biss li jidher li ħass il-bżonn li minbarra l-Evanġelju, jagħtina wkoll in-narrattiva ta' kif twieldet u xterdet il-Knisja wara t-tlugħ ta' Ġesù fis-sema.

Dan kollu hu pprezentat lilna b'mod sistematiku fl-aħħar kelmiet li Ġesù jgħid "lill-appostli li hu kien għażel"[6] qabel ma "kien meħud 'il fuq"[7] – "Imma meta jiġi fuqkom l-Ispirtu s-Santu, intom tirċievu l-qawwa, u tkunu xiehda tiegħi *f'Ġerusalemm, fil-Lhudija kollha u s-Samarija u sa truf l-art.*"[8]

Is-sekwenza ġeografika ta' dan il-kliem ta' Ġesù tifforma l-qafas li fuqu tistrieħ l-istruttura tal-ktieb ta' l-Atti ta' l-Appostli. Il-Knisja twieldet f'Ġerusalemm u xterdet skond il-postijiet imsemmija f'dan il-programm li San Luqa jqiegħed fuq fomm Ġesù fil-bidu tat-tieni kitba tiegħu.

L-iskop ta' dan l-artiklu hu li nikkonċentraw fuq l-ewwel fażi f'din il-preżentazzjoni ġeografika, jiġifieri, fuq it-twelid u l-iżvilupp tal-Knisja kif jippreżentaha l-Atti ta' l-Appostli, b'mod speċjali fl-ewwel ħames kapitli, f'rabta ma' dak li nsibu fl-Evanġelju ta' San Luqa.

Il-ħarsa tagħna ser tkun waħda kkonċentrata. Dan minħabba li ser nillimitaw ruħna l-aktar fuq il-kontenut tal-ġabriet fil-qosor li jagħtina San Luqa fit-tieni kitba tiegħu, liema ġabriet jagħtuna deskrizzjonijiet qosra, imma importanti, fuq il-ħajja ta' din il-komunità nisranija. Hemm punti oħra li jistgħu jissemmew, bħal ngħidu aħna, il-kwestjonijiet u l-introduzzjoni tad-djakni; l-ikel ma' l-insara ġodda li ma kinux Lhud; il-persekuzzjonijet; il-pagani kkonvertiti għat-twemmin fi Kristu Ġesù li ngħaqdu ma' dawn l-ewlenin insara wara x-xandir ta' l-appostli; il-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu fil-ħajja ta' dawn l-insara. Fuq dan m'aħniex ser nitkellmu. Minflok ser nikkonċentraw fuq testi aktar iffokati li jkellmuna direttament fuq il-ħajja ta' l-ewlenin insara.

## L-ISMIJIET TA' L-INSARA FL-ATTI

Qabel ma ngħaddu għal dawn it-testi proprji li jitkellmu mill-ħajja ta' l-ewwel insara f'Ġerusalemm, tajjeb li naraw ftit kif dawn l-insara jiġu msejħin minn persuni oħra. L-ismijiet li jsemmi l-Atti huma diġà indikazzjoni ta' kif persuni oħra, li ma kinux parti minn din il-komunità, kienu jqisu lil dawn l-insara.

Fil-fatt, meta nibdew naqraw il-ktieb ta' l-Atti, ninnutaw kemm ismijiet differenti jingħataw lil dawk li emmnu f'Ġesù.[9] Wieħed mill-ismijiet l-aktar importanti li nsibu fl-Atti għall-insara huwa l-isem ta' "dixxipli."[10] San Luqa jitkellem kemm mid-dixxipli fil-maskil [bil-Grieg: *mathetes*], kif ukoll fil-femminil [bil-Grieg: *mathetria*]. Fil-każ ta' l-aħħar, l-użu ta' dan l-isem insibuh biss fis-singular.[11] Minkejja dan, ma rridux ninsew li San Luqa jsemmi wkoll bosta personaġġi femminili oħra fl-ewwel komunità nisranija. Biżżejjed jekk insemmu li fil-

bidunett tan-narrattiva, l-awtur ifakkarna kif "ilkoll qalb waħda kienu jitolbu flimkien *ma' xi nisa u ma' Marija omm Ġesù,* u ma' ħutu."[12]

Ta' min jinnota li dan it-terminu ta' *dixxipli* [bil-Grieg: *hoi mathetai]* ma jissemmiex fl-ewwel kapitli ta' l-Atti. L-ewwel użu tiegħu nsibuh f'Atti 6:1 fejn naqraw kif "f'dawk il-jiem l-għadd *tad-dixxipli* kien qiegħed jiżdied."

Titlu importanti ieħor li jingħata lil dawn id-dixxipli, iżda li jissemma inqas, huwa "il-qaddisin" [bil-Grieg: *hoi hagioi].*[13] Jidher li l-oriġini ta' dan l-isem, li jmur lura għas-Settwaġinta (LXX),[14] huwa marbut ma' Kristu li minnu dawn "il-qaddisin" ġew mifdijin u mogħnija bl-Ispirtu tiegħu.

"It-Triq" [bil-Grieg: *he hodos]* huwa isem ieħor mogħti lil dawn l-insara.[15] Skond San Luqa, dan l-isem ma kienx magħruf biss fil-Palestina, imma wkoll f'Efesu[16] u mill-Prokuratur Ruman Feliċ.[17] Proprjament, kif jurina tajjeb E.Haenchen fil-kummentarju tiegħu dwar l-Atti,[18] dan it-titlu hu relatat mal-frażjiet "it-Triq tal-Mulej"[19] u "it-Triq ta' Alla."[20]

Isem ieħor importanti mogħti lill-ewlenin insara fl-Atti huwa "il-knisja" [bil-Grieg: *he ekklesia].*[21] Dan fil-fatt sar l-isem proprju li bih baqgħu magħrufin l-insara bħala grupp. Dan l-isem ma jissemmix fl-ewwel kapitli ta' l-Atti. Meta jissemma għall-ewwel darba f'Atti 5:11, dan isir f'kumment li bih San Luqa jagħlaq l-inċident ta' Ananija u Saffira. Hekk naqraw hawn: "u waqa' biża' kbir fuq *il-Knisja* kollha."

Ir-riferenza proprja li nsibu għall-Knisja hija fil-bidu tal-ġrajja ta' Pawlu u tal-persekuzzjonijiet kbar kontra *"il-Knisja* ta' Ġerusalemm" (Atti 8:1). Minn hawn 'il quddiem, dan l-isem jissemma ħafna drabi: 29 darba, u jingħata mhux biss lill-komunità nisranija ta' Ġerusalemm,[22] iżda wkoll lill-knisja f'Antijokja,[23] f'Listra u f'Ikonju,[24] fis-Sirja u ċ-Ċiliċja,[25] f'Efesu,[26] fi bliet oħra,[27] fil-Lhudija, fil-Galilija u fis-Samarija.[28]

San Luqa huwa l-uniku awtur li jinfurmana fejn l-isem "Kristjani" intuża għall-ewwel darba. Wara li jgħidilna kif Barnaba mar ifittex lil Sawl f'Tarsu u ħadu f'Antijokja, fejn hemm ħadmu għal sena "fil-knisja", San Luqa jgħidilna li "kien f'*Antijokja* li d-dixxipli għall-ewwel darba *sejħulhom 'Kristjani'*" (Atti 11:26).[29]

Isem ieħor li nsibuh biss fl-Atti 24:5 huwa "Is-setta tan-Nazarenu." Il-kelma *setta* [bil-Grieg: *hairesis]* tissemma wkoll qabel il-kelma "it-Triq" fl-Atti 28:22, fejn il-Lhud ta' Ruma jgħidu lil Pawlu li riedu jisimgħu aktar fuq "din is-setta" li "sirna nafu li kullimkien qegħdin jeħduha kontriha."[30]

F.F. Bruce[31] iżomm li l-użu tat-terminu *hairesis* fl-Atti 24:5 jimplika li għal-Lhud, l-Insara kienu għadhom meqjusin bħala parti mill-Ġudaiżmu. Dan għaliex fl-Evanġelju ta' San Luqa l-kelma "setta" tintuża wkoll għas-Sadduċej[32] u għall-Fariżej.[33] Hekk ukoll Ġużeppi Flavju juża din il-kelma *hairesis* biex jitkellem fuq partiti differenti fil-Ġudaiżmu, fosthom il-Fariżej, is-Sadduċej u l-Esseni.[34]

Ismijiet oħra li jissemmew huma "xhieda [bil-Grieg: *martyres]* ta' Kristu Rxoxt",[35] "dawk li emmnu" [bil-Grieg: *hoi pisteuontes]*,[36] "dawk li kienu salvi" [bil-Grieg: *hoi sozomenoi]*,[37] u "il-merħla" [bil-Grieg: *poimnion]*.[38]

## DESKRIZZJONIJIET FIL-QOSOR TA' L-EWLENIN INSARA FL-ATTI

Matul l-ewwel ħames kapitli ta' l-Atti, San Luqa jagħtina tliet kwadri differenti li fihom jippreżentalna deskrizzjoni fil-qosor tal-ħajja komunitarja ta' l-ewlenin insara f'Ġerusalemm. It-tliet siltiet huma:

- Atti 2:42-47
- Atti 4:32-35
- Atti 5:12-16

Hafna mill-istudji ta' l-Atti juruna li dawn id-deskrizzjonijiet fil-qosor huma kompożizzjoni ta' l-awtur stess, ippreżentati lilna f'termini *idealizzati*[39] biex bihom San Luqa juri lill-insara ta' żmienu kif għandha tkun tassew il-komunità nisranija.

San Luqa juża dawn it-testi wkoll biex bihom jgħaqqad flimkien bosta episodji oħra li nsibu bejniethom. Hekk, per eżempju, l-ewwel ġabra[40] tgħaqqad flimkien ir-rakkont tal-Pentekoste[41] ma' l-attività ta' Pietru u Ġwanni f'Ġerusalemm.[42] Għalhekk, f'din l-ewwel ġabra fil-qosor, San Luqa l-ewwel jgħidilna li dawk li emmnu kienu jmorru ta' kuljum fit-tempju,[43] u li l-poplu kollu kien iġibhom.[44] Dan kollu, imbagħad, iservi ta' preparazzjoni għal dak li naqraw

wara, jiġifieri, għall-wasla ta' Pietru u Ġwanni fit-tempju, u għar-reazzjoni pożittiva tal-poplu[45] quddiem il-miraklu ta' dawn iż-żewġ appostli.[46]

Minn hawn ninnutaw l-importanza li għandhom dawn il-ġabriet fil-qosor li jitkellmu fuq il-ħajja ta' l-ewlenin insara, u li nsibuhom fil-bidu tan-narrattiva ta' l-Atti. Huwa biss meta nippruvaw inħarsu lejn il-kontenut tagħhom li mbagħad inkunu nistgħu nisiltu l-karatteristiċi tal-komunità nisranija, kif hija ppreżentata f'din il-kitba ta' San Luqa.

## ĠERUSALEMM

Dawn it-tliet ġabriet fil-qosor tal-ħajja tal-komunità ewlenija nisranija jeħduna lura għall-aħħar kelmiet li bihom San Luqa jagħlaq l-ewwel kitba tiegħu. Wara li l-awtur jgħidilna li Ġesù "kien meħud fis-sema",[47] jinfurmana wkoll kif id-dixxipli "mimlijin b'ferħ kbir reġgħu lura lejn *Ġerusalemm,* u qagħdu l-ħin kollu fit-tempju jbierku lil Alla."[48]

Dak li rridu ninnutaw hawn hija ċ-ċentralità ta' Ġerusalemm fil-ħajja tal komunità nisranija ewlenija. Dan narawh minn dan il-kliem stess li huwa l-eku ta' dak li Ġesù jgħid lid-dixxipli ftit tal-versi qabel: "Hekk kien miktub, li l-Messija jbati u fit-tielet jum iqum mill-imwiet, u li l-indiema għall-maħfra tad-dnubiet tixxandar f'ismu lill-ġnus kollha, *ibda minn Ġerusalemm."*[49]

Hekk fil-fatt seħħ fl-ewwel paġni ta' l-Atti, meta f'jum l-Għid il-Ħamsin, Pietru flimkien mal-Ħdax, f'diskors indirizzat lin-nies tal-Lhudija, u lil dawk li kienu joqogħdu f'Ġerusalemm,[50] jistiednu lil dawk li semgħuhom biex *jindmu.*[51]

Ġerusalemm issir, mela, *il-punt tat-tluq*[52] tal-predikazzjoni nisranija, biex minn hemm din il-predikazzjoni waslet sat-truf kollha ta' l-art. Dan jurina li għal San Luqa, Ġerusalemm mhijiex sempliċiment post ġeografiku, imma f'Luqa-Atti, Ġerusalemm tieħu dak li H. Conzelmann jsejħilha *tifsira speċjali teoloġika*[53] minħabba li din issir *iċ-ċentru tal-pjan tas-salvazzjoni.*[54]

Huwa f'din il-belt li jiġu mwettqin il-wegħdiet messjaniċi - ir-rieda ta' Alla li jsalva lill-bnedmin kollha. B'dan f'moħħna nistgħu nifhmu tliet affarijiet importanti fil-kitbiet ta' Luqa-Atti.

1. Ir-raġuni l-għala din il-belt hija preżenti fil-bidu u fl-aħħar ta' l-Evanġelju ta' Luqa.
2. Ir-raġuni l-għala din il-belt issir id-destinazzjoni tal-vjaġġ ta' Ġesù, liema vjaġġ iwassal għall-mewt u l-qawmien tiegħu.
3. Ir-raġuni l-għala din il-belt hija l-post li fiha l-ewwel komunità nisranija tieħu l-ewwel passi deċiżivi tagħha.[55]

## KIENU JŻOMMU SħIħ

L-importanza tal-belt ta' Ġerusalemm fil-ħajja ta' l-ewlenin insara kif jippreżentaha l-Atti tkompli tintwera meta naqraw kif kien proprju hawn li seħħet il-wegħda ta' Ġesù li jibgħat l-Ispirtu s-Santu fuq id-dixxipli tiegħu. Dan l-avveniment, ippreżentat f'"ħoss ta' riħ qawwi" u f'"ilsna qishom tan-nar, li tqassmu u qagħdu fuq kull wieħed minnhom",[56] ta bidu għax-xandir u l-attivitajiet l-oħra ta' l-ewwel dixxipli f'Ġerusalemm.

San Luqa jinfurmana li wara l-ewwel diskors ta' Pietru f'din l-okkażjoni ta' l-Għid il-Ħamsin "dawk li laqgħu kliemu tgħammdu u dak in-nhar ingħaqdu mad-dixxipli madwar tlitt elef ruħ."[57] Immedjatament wara, l-awtur jagħtina l-ewwel ġabra fil-qosor tal-ħajja tal-Knisja ewlenija ta' Ġerusalemm meta jgħid:

> "u kienu jżommu sħiħ fit-tagħlim ta' l-appostli u fl-għaqda ta' bejniethom, u fil-qsim tal-ħobż u fit-talb. Waqa' mbagħad il-biża' fuq kulħadd għax ħafna kienu l-mirakli u s-sinjali li kienu jsiru permezz ta' l-appostli. Dawk kollha li kienu jemmnu kienu ħaġa waħda, u kienu jaqsmu kollox bejniethom, ibigħu ġidhom u kull ma kellhom u jqassmu d-dħul bejn kulħadd, skond il-ħtieġa ta' kull wieħed. U kuljum kienu jmorru fit-tempju flimkien, jaqsmu l-ħobż fi djarhom, u jissieħbu fl-ikel bi qlub ferħana u safja; u kienu jfaħħru lil Alla, u l-poplu kollu kien iġibhom. U minn jum għal ieħor il-Mulej kien iżidilhom magħhom lil dawk li jkunu salvi."[58]

Il-qabża li jagħmel San Luqa hawnhekk fl-użu tal-verbi mill-*passat* għall-*imperfett* turina, li f'dawn is-siltiet m'għandniex sempliċiment

rakkonti ta' fatti li saru darba biss. Minflok, permezz ta' dawn il-verbi, l-awtur jixtieq jippreżentalna mġiba *kontinwa fil-ħajja tal-komunità nisranija ta' Ġerusalemm.*[59]

Xi ħaġa oħra li rridu ninnutaw hija li meta nqabblu din l-ewwel ġabra fil-qosor tal-ħajja tal-komunità nisranija primittiva ta' Ġerusalemm ma' ġabriet oħra simili li nsibu fl-ewwel ħames kapitli ta' l-Atti, naraw li fihom insibu temi li jirrepetu ruħhom mhux biss minn silta għal silta, iżda wkoll fl-istess silta.

Hekk, per eżempju, f'din l-ewwel deskrizzjoni, ir-riferenzi għall-fatt li dawn l-aħwa kienu jżommu sħiħ fl-għaqda ta' bejniethom, fil-qsim tal-ħobż u fit-talb, kif naqraw fil-v.42, nerġgħu nsibuhom żviluppati rispettivament fil-vv.44-45.46.47. Jekk, imbagħad, nippruvaw nanalizzaw dan it-test, naraw li f'din l-ewwel ġabra fil-qosor, insibu preżenti t-temi l-kbar li jinsabu mniżżlin ukoll fid-deskrizzjonijiet l-oħra[60] li jagħtina San Luqa fl-Atti meta jitkellem fuq l-attivitajiet ta' din il komunità.

Hekk, per eżempju, l-espressjoni "kuljum" li nsibu f'Atti 2:42-43.47 hija frażi li tiġbor fiha seba' karatteristiċi, li b'mod jew ieħor, insibuhom preżenti wkoll fiż-żewġ ġabriet fil-qosor l-oħra li jagħtina l-Atti.

1. It-tagħlim u x-xhieda ta' l-Appostli.
2. L-għaqda ta' bejn l-aħwa.
3. Il-qsim tal-ħobż.
4. It-talb u ż-żjarat fit-tempju.
5. In-nota li l-poplu kien iġibhom ħafna.
6. Il-mirakli u l-għeġubijiet.
7. Iż-żjieda fin-numru ta' l-aħwa.

Tajjeb li nieqfu ftit hawn fuq dik li ġiet imsejħa bħala s-sekwenza ta' l-erba' karatteristiċi tal-komunità ta' Ġerusalemm, skond kif naqraw fl-Atti 2:42.

1. It-tagħlim ta' l-Appostli.
2. L-għaqda ta' bejniethom.
3. Il-qsim tal-ħobż.
4. It-talb.

Xi kummentarji jqisu dawn l-erba' elementi bħala *sekwenza liturġika primittiva* li turi x'kien isir b'mod regulari fil-laqgħat ta' dawn l-ewlenin insara. Dan ifisser li l-ewwel kien isir it-tagħlim ta' l-appostli akkumpanjat mill-għaqda fraterna, wara kienu jgħaddu għall-qsim tal-ħobż, u fl-aħħar għat-talb.[61]

Iżda mhux kulħadd jaqbel ma' din il-konklużjoni. Dan l-aktar minħabba l-fatt li t-tieni ġabra fil-qosor tal-ħajja ta' din il-komunità kif jippreżentaha l-Atti,[62] issemmi ħafna mill-istess karatteristiċi li nsibu wkoll fl-ewwel deskrizzjoni, bid-differenza li f'Atti 4:32-37 dawn l-istess karatteristiċi nsibuhom ippreżentati f'ordni differenti u f'forma aktar dettaljata.[63]

Dak li jidher fi żgur huwa l-preokupazzjoni ta' dawn l-insara biex iħarsu dawn l-erba' affarijiet li qed isemmi hawn San Luqa. Dan narawh b'mod speċjali fl-użu tal-verb grieg *proskarterountes* li bil-Malti jiġi tradott bħala "kienu jżommu sħiħ" jew "kienu jħabirku" (bl-ingliż: *devoting themselves),* li San Luqa jużah f'rabta ma' dawn l-erba' attivitajiet ta' l-ewlenin insara f'Ġerusalemm.

**IT-TAGĦLIM TA' L-APPOSTLI**

Fl-ewwel post, fil-lista ta' dawn il-preokkupazzjonijiet, San Luqa jsemmi "it-tagħlim ta' l-appostli." Il-fatt li l-awtur iqiegħed din il-karatteristika fl-ewwel post tal-lista juri l-importanza li t-Tnax kellhom fil-ħajja ta' din il-komunità.

Dan joħroġ tajjeb meta nħarsu lejn l-istruttura ta' l-ewwel paġni ta' l-Atti. Diġà rajna, kif wara t-tlugħ ta' Ġesù fis-sema, l-appostli "reġgħu lura Ġerusalemm"[64] u "telgħu fil-kamra ta' fuq tad-dar fejn kienu joqogħdu."[65] Forsi hawn il-qarrejja ta' l-Atti jistennew li l-awtur immedjatament kien ser jirrakkonta kif seħħet il-wegħda li Ġesù kien għamel lill-appostli.[66] Minflok, San Luqa, jagħtina *l-ewwel* ir-rakkont ta' l-għażla ta' Mattija li kellu jimla l-post vojt li ħalliet il-mewta ta' Ġuda l-Iskarjota.

Il-ħtieġa immedjata li jimtela dan il-post battâl hija spjegata fid-diskors li jagħmel Pietru f'din l-okkażjoni.[67] Dak li jispikka f'dan id-diskors huwa l-użu tal-kelma "jeħtieġ" [bil-Grieg: *dei*] li hija wżata darbtejn:

fil-v.16: *"jeħtieġ* li sseħħ"
fil-v.21 *"jeħtieġ,* għalhekk li jintgħażel..."

Fil-lingwaġġ bibliku, din il-formula għandha tifsira teoloġika. Hija turi realtà magħquda mal-pjan jew mar-rieda ta' Alla kif imħabbra fl-Iskrittura. L-użu ta' din il-kelma f'dan id-diskors ta' Pietru, mela, turina żewġ affarijiet.

L-ewwel, kif il-komunità nisranija ewlenija ta' Ġerusalemm setgħet tifhem dak li seħħ f'Ġuda, li minkejja kif jgħid Pietru "kien wieħed minna u kellu sehmu f'dan il-ministeru tagħna" kien *"jeħtieġ* li sseħħ l-Iskrittura"[68] u jsir "il-mexxej ta' dawk li qabdu lil Ġesù."[69]

It-tieni, il-bżonn li jimtela dan il-vojt. Is-sostituzzjoni ta' Ġuda hi pprezentata hawn bħala att li *"jeħtieġ"* li jsir f'din il-komunità ewlenija skond il-pjan u r-rieda ta' Alla biex jiġi rrestawrat in-numru oriġinali ta' tnax-il appostlu.

In-numru *tnax* huwa numru sinifikattiv għal San Luqa kif jidher fir-rakkont tat-tkattir tal-ħobż[70] u fil-profezija ta' Ġesù fl-aħħar ċena.[71] F'dawn iż-żewġ riferenzi, dan in-numru għandu rabta mal-poplu ta' Iżrael, li kien mibni fuq tnax-il tribù.[72] Għal San Luqa, l-għażla tat-tnax kienet tfisser li Ġesù ried iħejji mexxejja ġodda għall-poplu ġdid ta' Alla biex dawn jieħdu post dawk il-mexxejja li kienu warrbu "ż-żjara ta' Alla"[73] fost il-poplu tiegħu.

Dan ifisser ukoll li t-tradiment ta' Ġuda ma kienx sempliċiment il-falliment ta' individwu. Aktar minn hekk, il-mewt ta' Ġuda, ippreżentata minn San Luqa f'termini traġiċi,[74] kienet tfisser it-tfarrik ta' l-integrità numerika u simbolika tat-tnax-il appostlu.

Dan il-punt nistgħu nifhmuh aktar meta niftakru li Mattija, il-persuna li ħa post Ġuda, ma nsiru nafu xejn aktar fuqu għajr l-isem tiegħu u li kien jikkwalifika għall-kundizzjonijiet imsemmija minn Pietru biex dan jokkupa dan il-ministeru.[75] F'kuntrast ma' dan is-skiet fuq Mattija, l-Atti jagħmel bosta riferenzi għal Ġuda l-Iskarjota.[76]

Dan jurina li San Luqa ma kienx tant interessat li jippreżenta lil Mattija bħala wieħed mill-appostli l-ġodda, daqskemm li jurina l-problema li nħolqot fl-ewwel komunità nisranija ta' Ġerusalemm bil-vojt ta' Ġuda fost it-Tnax.

Interessanti ninnutaw hawn il-kriterju li fuqu tressqu l-kandidati li kellhom jissostitwixxu lil Ġuda. L-ewwel kriterju nsibuh fid-diskors ta' Pietru f'din l-okkażjoni: "li jintgħażel wieħed minn dawk li ssieħbu magħna tul iż-żmien kollu li l-Mulej Ġesù kien dieħel u ħiereġ magħna, ibda mill-magħmudija ta' Ġwanni sa dak in-nhar li kien meħud minn magħna, u jkun flimkien magħna xhud tal-qawmien tiegħu mill-imwiet."[77]

It-tieni, l-aspett tat-talb, li fuqu nitkellmu aktar tard, akkumpanjat mat-tfigħ tax-xorti biex jintgħażel wieħed miż-żewġ kandidati li ġew imressqin quddiem l-appostli: Ġużeppi msejjaħ Barsaba u Mattija: "tefgħu x-xorti, li waqgħet fuq Mattija, u dan issieħeb mal-ħdax-il appostlu."[78] L-użu tax-xorti bħala mezz li juri l-għażla ta' Alla kien meqjus bħala metodu tradizzjonali fil-Ġudaiżmu.[79]

Fid-dawl ta' dar-rakkont li nsibu qabel il-ġrajja tal-Pentekoste, nistgħu nifhmu 'l għaliex San Luqa jqiegħed it-tagħlim ta' l-appostli fl-ewwel post fil-lista tal-karatteristiċi tal-ħajja ta' l-ewlenin insara f'Ġerusalemm. L-appostli kienu *x-xhieda* tal-qawmien ta' Ġesù, u għalhekk it-tagħlim tagħhom kien ta' min joqgħod fuqu. Il-fidi tal-Knisja twieldet u żviluppat permezz tat-tagħlim ta' l-appostli li kienu xiehda tal-ħajja u tat-tagħlim ta' Ġesù.[80]

Il-laqgħat li kienu jsiru fil-btieħi tat-tempju li minnhom jitkellem San Luqa[81] jidher li kellhom bħala skop aħħari s-smigħ tat-tagħlim ta' l-Appostli,[82] minkejja li dan it-tagħlim kien isir ukoll fid-djar.[83] Id-diskorsi ta' Pietru li nsibu fl-Atti jagħtuna indikazzjoni kif it-tagħlim appostoliku kien jikkonsisti l-aktar fil-mod kif issa l-appostli bdew jinterpretaw il-ħajja ta' Ġesù fid-dawl tal-qawmien tiegħu mill-imwiet u t-tlugħ tiegħu fis-sema.[84] Imdawlin mill-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu, il-protagonista tal-ġrajja fl-Atti, l-appostli issa setgħu wkoll jaqraw it-Testment il-Qadim permezz ta' dak li Ġesù għallem u għadda minnu mill-magħmudija tiegħu sakemm huwa ġie mtella' s-sema.

Hekk jagħmel, per eżempju, Pietru fl-ewwel diskors tiegħu f'jum l-Għid il-Ħamsin, meta huwa jikkwota l-profeta David.[85] L-istess jagħmel Pietru fid-diskors tiegħu ħdejn il-portiku ta' Salamun meta hu jitkellem fuq it-tbatija ta' Ġesù bħala l-Messija: "Alla temm dak li hu kien ħabbar sa minn qabel b'fomm il-profeti, jiġifieri, li l-Messija

tiegħu kellu jbati."[86] Hekk ukoll jagħmel Filippu fit-triq li fiha ltaqa' ma' l-ewnuku Etijopiku li kien qed jaqra l-ktieb tal-profeta Isaija. San Luqa jgħidilna li meta l-ewnuku staqsa lill-Filippu "għal min qiegħed jgħid dan il-profeta?",[87] Filippu "fetaħ fommu u beda minn din is-silta ta' l-Iskrittura jxandarlu l-Evanġelju ta' Ġesù."[88]

It-tagħlim ta' l-Appostli jibqa' ċ-ċentru tal-ħajja tal-Knisja mhux biss lil-komunità ta' Ġerusalemm, iżda wkoll aktar tard fin-narrattiva kollha ta' l-Atti, meta naqraw kif il-Kelma ta' Alla ma baqgħetx limitata biss għall-kuntest Lhudi, iżda xterdet saħansitra f'kuntesti pagani permezz tal-predikazzjoni appostolika.[89]

## L-GĦAQDA TA' BEJNIETHOM

Il-*koinonia* hija t-tieni karatteristika li jsemmi San Luqa meta jagħtina l-ewwel ġabra fil-qosor ta' kif kienet tgħix l-ewwel komunità nisranija f'Ġerusalemm: "u kienu jżommu sħiħ... *fl-għaqda ta' bejniethom.*" [90] Ħafna drabi, fil-Grieg, il-kliem *koinoneo* ifissru "naqsam xi ħaġa ma' xi ħadd" jew "tagħti lil xi ħadd sehem minn xi ħaġa."[91]

Ma' l-ewwel daqqa t'għajn, il-kelma *koinonia* f'Atti 2:42 tidher li qed tirreferi għall-qsim tal-ġid materjali li jissemma fil-vv 44-45 u mhux għall-qsim tal-barkiet spiritwali bħalma naqraw f'partijiet oħra tat-Testment il-Ġdid fejn tissemma din il-kelma.[92] Hekk, per eżempju, l-użu tal-kelma *koinonia* f'1 Kor 1:9 tirreferi għall-parteċipazzjoni ta' dawk li jemmnu fi Kristu. F'2 Kor 13:14 din l-istess kelma hija użata biex turi l-parteċipazzjoni ta' dawk li emmnu fl-Ispirtu s-Santu. Hekk ukoll f'Fil 1:5 *koinonia* tirreferi għas-sehem fil-barkiet ta' l-Evanġelju.

Iżda fl-Atti 2:44-45, l-użu tal-kelma *koinonia* hija użata fuq livell ieħor: "Dawk kollha li kienu jemmnu kienu ħaġa waħda, u *kienu jaqsmu kollox bejniethom,* [bil-Grieg: *koina*] ibigħu ġidhom u kull ma kellhom u jqassmu d-dħul bejn kulħadd, skond il-ħtieġa ta' kull wieħed." Minkejja li l-impressjoni li tieħu meta taqra din is-silta hija li l-*koinonia* hawn hija użata f'sens materjali, irridu ninnutaw li l-qsim tal-ġid materjali bejn il-membri ta' din il-komunità nisranija bikrija kien il-frott tal-fidi u tar-relazzjoni ġdida tagħhom ma' Kristu Ġesù kif naqraw fil versi ta' qabel.[93]

Din l-istess ħaġa nerġgħu nsibuha wkoll fit-tieni ġabra fil-qosor li jagħtina l-Atti biex jiddeskrivi l-ħajja tal-komunità nisranija ta' Ġerusalemm. Qabel ma San Luqa jitkellem mill-qsim tal-ġid bejn l-aħwa, huwa jinfurmana li "il-kotra l-kbira ta' dawk li emmnu kienu qalb waħda u ruħ waħda."[94] L-awtur, imbagħad, jagħti prominenza lill-għaqda tal-membri ta' din il-komunità f'kuntesti differenti bl-użu tal-kelma griega *homothumadon* li tfisser "flimkien."[95]

Din ir-relazzjoni li dawn l-ewlenin insara f'Ġerusalemm kellhom ma' Kristu Ġesù, nisslet fihom sens ta' responsabbiltà lejn xulxin. Għalhekk, il-qsim tal-ġid kien jinkludi t-tqassim ta' l-ikel lil dawk fosthom li kellhom bżonn.[96] Fid-dawl ta' dan kollu, xi studjużi huma tal-fehma, li jkun aħjar jekk inqisu l-kelma *koinonia* f'Atti 2:42 fis-sens wiesa' tagħha, jiġifieri, kelma li tinkludi fiha l-kontribuzzjonijiet, l-ikel flimkien, il-ħbiberija u l-għaqda li kienet tikkaratterizza din il-komunità.[97]

Dan il-qsim tal-proprjetà u tal-ġid, jidher li kien att voluntarju u okkażjonali. D. Peterson jinnota li dak li qed jippreżenta San Luqa m'huwiex xi forma primittiva ta' "komuniżmu", iżda biss tweġiba ġeneruża għall-problemi partikulari li sabu ruħhom fihom dawn l-ewwel dixxipli.[98]

Hekk jidher f'Atti 2:45 fejn naqraw kif "[kienu] ibigħu ġidhom u kull ma kellhom u jqassmu d-dħul bejn kulħadd, *skond il-ħtieġa ta' kull wieħed."* Hekk ukoll f'4:34-35 "Ħadd minnhom ma kien jonqsu xejn; għax kull min kellu oqsma jew djar kien ibigħhom, u l-flus li jdaħħlu minnhom kien imur iqegħedhom f'riġlejn l-appostli. *Imbagħad kien jitqassam kollox skond il-ħtieġa ta' kull wieħed."* [99]

L-eżempji konkreti li jagħtina San Luqa f'Atti 4:37 u 5:4 li jitkellmu minn bejgħ ta' għalqa li kellu ċertu levita Ġużeppi minn Ċipru, u l-bejgħ ta' l-għalqa ta' Ananija u Safira rispettivament, juruna li dawn l-ewlenin insara ma kinux ibigħu kull ma kellhom, iżda biss partijiet mill-proprjetà jew mill-ġid li kienu jipposiedu. Hekk juri l-vokabularju li juża San Luqa. Minkejja l-*koinonia* ta' bejniethom, dawn l-insara xorta waħda komplew żammew xi propjetà li seta' kellhom anke jekk "ħadd minnhom ma kien jgħid li l-ġid li kellu kien tiegħu, iżda kellhom kollox flimkien."[100]

Dan ifisser li minkejja li xi wħud minn dawn l-insara żammew id-djar tagħhom, din il-proprjetà kienet tintuża wkoll għall-bżonnijiet ta' l-istess komunità li tagħha huma kienu membri. Darbtejn, San Luqa, jinfurmana li kienu *"jaqsmu l-ħobż fid-djar."*[101] Naqraw ukoll kif Marija, omm Ġwanni, li kienu jgħidulu Marku, kellha dar li fiha kienu jiltaqgħu l-aħwa.[102]

F'din il-*koinonia,* San Luqa xtaq li jippreżenta mudell ideali ta' kif għandha tkun il-komunità nisranija, anke jekk fiha jinkludi d-dnub ta' Ananija u Safira. Dawn mill-flus li qalgħu mill-bejgħ ta' l-għalqa tagħhom warrbu għalihom sehem mill-prezz ta' l-għalqa u b'hekk ippruvaw jidħqu bl-appostli.[103]

L-iskop aħħari tal-koinonia kif jippreżentah l-Atti ta' l-Appostli hu li juri kif "ħadd minnhom ma kien jonqsu xejn."[104] L-ideali hu li kull membru ta' din il-komunità jkollu dak li hu meħtieġ biex jgħix, u dawk li ma kellhomx setgħu jistrieħu fuq il-ġenerożità ta' l-oħrajn. Dan ifisser ukoll, li dawk li kienu jbigħu ġidhom ma kinux jagħmlu dan bix-xewqa li jsiru fqar, iżda biss biex ma jkunx hemm aktar fqar fost l-aħwa tal-komunità. B'dan il-mod, id-dixxipli kienu juru kemm tassew kienu "qalb waħda u ruħ waħda."[105]

## IL-QSIM TAL-ĦOBŻ

It-tielet karatteristika tal-ħajja komunitarja nisranija fl-ewwel żminijiet li jsemmi l-Atti, hija "il-qsim tal-ħobż" [bil-Grieg: *te klasei tou artou*][106] li kien isir "fi djarhom."[107] Fl-ambjent Lhudi, il-qsim tal-ħobż kien ġest ritwali li bih kienet tibda l-ikla. Il-missier jew il-kap tal-familja kien jieħu f'idejh il-ħobż, irodd ħajr lil Alla, jaqsmu u jnewlu lil dawk preżenti.

L-espressjoni "il-qsim tal-ħobż" insibuha użata ħames darbiet fl-Atti:

- L-Atti 2:42.46 tintuża bħala parti mid-deskrizzjoni tal-ħajja tal-Knisja ewlenija f'Ġerusalemm.
- F'Atti 20:7.11 tintuża bħala parti minn dak li jagħmel Pawlu fiż-żjara lill-ġemgħa li kienet miġbura f'dar fi Troas.
- Fl-Atti 27:35 tintuża bħala ġest li wettaq Pawlu fuq il-ġifen qabel ma dan tkisser f'Malta.

L-użu ta' din l-espressjoni fl-Atti teħodna lura għall-ewwel kitba ta' San Luqa.[108] Fil-miraklu tat-tkattir tal-ħobż naqraw kif "Ġesù rafa' għajnejh lejn is-sema, berikhom [il-ħobżiet] u *qasamhom,* u tahom lid-dixxipli biex inewluhom lin-nies."[109] L-istess għamel Ġesù fl-aħħar ċena mad-dixxipli: "[Ġesù] ħa l-ħobż, radd il-ħajr, *qasmu,* newwilhulhom u qal: 'Dan hu ġismi li jingħata għalikom: agħmlu dan b'tifkira tiegħi'."[110] Hekk ukoll, Kristu Rxoxt, fid-dar tad-dixxipli ta' Għemmaws, "qabad il-ħobż, qal il-barka, *qasmu* u tahulhom."[111]

Huwa fid-dawl ta' episodji bħal dawn li rridu naqraw ir-riferenzi li jagħmel l-Atti għall-"qsim tal-ħobż" li kien isir mill-ewlenin insara. Huma kienu "jaqsmu l-ħobż fi djarhom, u jissieħbu fl-ikel bi qlub ferħana u safja."[112] Jidher li hemm paralleliżmu fin ħafna bejn l-episodju tad-dixxipli ta' Għemmaws u din l-ewwel ġabra fil-qosor tal-ħajja tal-Knisja f'Ġerusalemm.

L-episodju ta' Għemmaws, li nsibuh lejn tmiem l-ewwel volum ta' San Luqa, iseħħ *fl-ewwel jum tal-ġimgħa.*[113] Hawn, il-qsim tal-ħobż isir wara u f'rabta mat-tagħlim mill-Iskrittura fuq il-persuna ta' Ġesù.[114] Din l-istruttura donna tantiċipa dak li nsibu fil-bidu tat-tieni volum ta' San Luqa, fejn naqraw kif l-ewlenin insara f'Ġerusalemm "kienu jżommu sħiħ fit-tagħlim ta' l-appostli u fl-għaqda ta' bejniethom, *fil-qsim tal-ħobż...*"[115]

J.A. Fitzmyer, meta jikkummenta fuq il-ġesti ta' Ġesù fid-dar tad-dixxipli ta' Għemmaws jgħid li dawn il-verbi li jużа hawn San Luqa jsiru *l-mod klassiku* li bih dan l-Evanġelista jirreferi għall-Ewkaristija. Hu jkompli jgħid li minn dan ir-rakkont nitgħallmu li Kristu Rxoxt, wara t-tlugħ tiegħu fis-sema, se jkun preżenti f'nofs id-dixxipli li jinġabru flimkien, mhux aktar b'mod viżibbli, imma fil-qsim tal-ħobż.[116]

E. Galbiati fl-istudju tiegħu dwar l-Ewkaristija fil-Bibbja[117] jgħid li l-espressjoni "il-qsim tal-ħobż" kienet terminu tekniku fil-lingwaġġ tal-kult użata għall-ewwel darba mill-ewwel komunità nisranija biex tindika ċ-ċelebrazzjoni ta' l-Ewkaristija. Huwa jaċċertana minn dan b'referenza għat-testi mill-Evanġelju li jitkellmu mit-twaqqif ta' l-Ewkaristija, liema testi jagħtu importanza lill-ġest tal-"qsim tal-ħobż" li jsir minn Ġesù stess.

Flimkien ma' dan, Galbiati jikkwota wkoll it-test li fih San Pawl jikkummenta b'mod espliċitu fuq ir-rit ta' l-Ewkaristija meta jgħid: "Il-kalċi mbierek li fuqu ngħidu l-barka m'huwiex għaqda mad-demm ta' Kristu? U *l-ħobż li naqsmu* m'huwiex għaqda mal-ġisem ta' Kristu?"[118]

J. Jeremias ukoll jikkummenta fuq Atti 2:42 u jgħidilna li f'din is-silta "il-qsim tal-ħobż" huwa terminu tekniku li jirreferi għall-ikla tal-Mulej. Hu jżid jgħid li "l-ikla tal-Mulej" diġà kienet xi ħaġa separata mill-ikliet ordinarji oħra li kienu jagħmlu dawn l-insara tal-bidu.[119]

Forsi wieħed mill-aqwa argumenti favur din il-pożizzjoni hija r-referenza tal-laqgħa ta' l-insara fi Troas li seħħ "fl-ewwel jum tal-ġimgħa"[120] u li fiha sar "il-qsim tal-ħobż."[121] Dawn iż-żewġ riferenzi f'dan l-istess episodju huma indikazzjoni ta' liturġija tal-Ħadd li fiha kienet issir l-ikla tal-Mulej.[122]

Sa mill-bidunett, l-insara kellhom il-jum tagħhom li fih kienu jagħtu qima speċjali lil Alla f'Ibnu Ġesù. Dan kien l-ewwel jum tal-ġimgħa, jiġifieri, il-jum tal-Ħadd, li fih l-ewlenin insara kienu jfakkru l-qawmien ta' Kristu mill-imwiet. Din il-karatteristika kienet diġà tiddistingwi lil dan il-grupp mill-kumplament tal-Lhud li baqgħu ma emmnux f'Ġesù, u li dawn ta' l-aħħar żammew is-Sibt bħala l-jum qaddis tal-qima tagħhom lejn Alla.[123]

J.T. Johnson wkoll jikkummenta fuq din il-ġrajja li seħħet fi Troas u jgħid li l-użu deliberattiv tal-jum, flimkien ma' l-attività tal-"qsim tal-ħobż" fl-Atti 20, jissuġerixxi jum definittiv tal-qima nisranija bħala ċelebrazzjoni tal-qawmien ta' Ġesù.[124]

L-istess G.Wainright juri kif l-istruttura f'dan l-episodju magħmula minn *tagħlim u ikla,* tfakkarna kif Kristu Rxoxt għallem mill-Iskrittura liż-żewġ dixxipli fit-triqthom lejn Għemmaws, u kif Ġesù wera lilu nnifsu fil-qsim tal-ħobż. Dan kollu jista' jindikalna li hawn diġà għandna l-istruttura tal-"kelma u l-mejda" fil-laqgħat ewlenin ta' l-insara li kienu jsiru ta' kull ġimgħa.[125]

L-Galbiati wkoll meta jikkummenta fuq dan it-test mill-Atti jinnota li minkejja li "l-qsim tal-ħobż" hawn isir biss wara nofs il-lejl, u dan kien pjuttost bħala xi ħaġa [rit] mgħaġġla, b'danakollu jidher li dan kien l-iskop ewlieni ta' din il-laqgħa ta' Pawlu ma' dawn l-insara. Dan

joħroġ ċar mill-ewwel sentenza ta' dan l-episodju li tgħidilna hekk: *"Fl-ewwel jum tal-ġimgħa* nġbarna flimkien *biex naqsmu l-ħobż."* [126]

Minkejja argumenti bħal dawn, biblisti oħra bħal D. Peterson [127] għandhom ir-riservi tagħhom fuq dan it-tip ta' interpretazzjoni ta' dan it-test fl-Atti li jitkellem fuq "il-qsim tal-ħobż." Peterson ifakkar li meta San Luqa jsemmi fl-Atti 2:46 kif dawn l-ewlenin insara f'Ġerusalemm kienu "jaqsmu l-ħobż fi djarhom" San Luqa immedjatament iżid: "u jissieħbu fl-ikel bi qlub ferħana u safja."

Il-konklużjoni ta' Peterson hija li dan it-tip ta' lingwaġġ jimplika li dawn l-insara kienu qed jieklu ikel biex isostnu l-ħajja fiżika tagħhom. B'konsegwenza t'hekk, għal Peterson, "il-qsim tal-ħobż" fl-Atti ma jistax jirreferi għaċ-ċelebrazzjoni tal-liturġija bħala xi ħaga distinta mill-ikliet ta' kuljum li kienu jsiru minn dawn l-insara.

B'danakollu, Peterson xorta jaqbel ma' Behm[128] meta dan ta' l-aħħar jgħid li dawn l-ikliet bla dubju ta' xejn kienu mimlija b'kontenut reliġjuż minħabba r-rabta li hemm bejn l-ikliet li Ġesù kien jaqsam ma' dawk li mxew warajh fil-ministeru tiegħu fuq din l-art.

Quddiem dan kollu forsi jkun aħjar jekk ngħidu li wieħed mis-sinjali l-aktar importanti li kien jidentifika l-komunità ewlenija nisranija f'Ġerusalemm, bla dubju ta' xejn kien "il-qsim tal-ħobż" li huma kienu jiċċelebraw "fi djar tagħhom... bi qlub ferħana u safja." [129] Dan il-ferħ li jsemmi San Luqa hawn kien frott il-fidi li din il-komunità kellha fi Kristu Rxoxt li kien tassew ħaj u preżenti fosthom u li issa kien qed jgħaqqadhom flimkien bħala aħwa tassew fil-qsim tal-ħobż.

Dan kien l-istess ġest li Ġesù wkoll wettaq mad-dixxipli tiegħu b'mod speċjali fl-aħħar ċena, li fiha Ġesù ta interpretazzjoni profetika lill-mewt tiegħu.[130] Minħabba f'hekk, ikliet bħal dawn li kienu jsiru mill-ewlenin insara sa mill-bidunett, kellhom tifsira speċjali, l-aktar minħabba li dawn l-ikliet kienu magħqudin mat-tagħlim ta' l-Appostli u t-talb.

L-użu formali tat-terminu *l-ikla tal-Mulej,* b'riferenza għall-Ewkaristija, imbagħad insibuh użat għall-ewwel darba fid-dokument antik nisrani msejjaħ id-*Didaché,*[131] li d-data tiegħu tvarja mis-sena 60 sa 200 W.K., u fl-ittri ta' Sant'Injazju.[132] Meta nqisu dan kollu

nikkonkludu li huma dawn il-karatteristiċi li jsemmi San Luqa li kienu jiddistingwu l-laqgħat ta' l-ewwel insara minn dawk tal-Lhud l-oħra.[133]

## IT-TALB

Ir-raba' karatteristika tal-komunità nisranija ewlenija f'Ġerusalemm li jsemmi l-Atti hija "it-talb" - "u kienu jżommu sħiħ... fit-talb."[134] Dan il vers jeħodna direttament fil-v.46 fejn naqraw "u kuljum kienu jmorru fit-tempju flimkien." Hawnhekk mill-ġdid, bħal fil-v.42, San Luqa juża wkoll il-verb grieg *proskarterountes* - li jfisser "iżommu sħiħ" - f'rabta ma' din l-attività regulari ta' dawn l-insara.[135]

Bla dubju ta' xejn, l-Atti għandu ħafna x'jgħid dwar it-talb fil-ħajja ta' l-ewwel komunitajiet insara.[136] Fost dak kollu li jingħad fuq it-talb ta' dawn id-dixxipli, ir-rwol tat-tempju għandu importanza kbira, u għalhekk tajjeb li l-ewwel naraw ir-rabta li kien hemm bejn dan it-tempju ta' Ġerusalemm u l-ħajja tat-talb ta' dawn id-dixxipli.

It-tempju, flimkien mal-belt ta' Ġerusaelmm, diġà rajna li għandhom importanza teoloġika f'Luqa-Atti.[137] Fl-Evanġelju ta' San Luqa, it-tempju hu ppreżentat bħala post ta' rivelazzjoni. San Luqa jiftaħ u jagħlaq ir-rakkonti tat-twelid u tat-tfulija ta' Ġesù b'rivelazzjoni importanti li ssir fit-tempju.[138] Huwa fit-tempju li nsibu wkoll il-profeziji ta' Xmun u ta' Anna dwar Ġesù.[139]

It-tempju jerġa' jikseb iċ-ċentralità tiegħu fl-aħħar żjara li Ġesù jagħmel f'Ġerusalemm. Din hija sezzjoni twila u importanti fl-istruttura ta' dan l-Evanġelju.[140] Wara li San Luqa jagħtina fil-qosor ħafna r-rakkont ta' meta Ġesù daħal fit-tempju biex jagħtih it-tifsira vera tiegħu,[141] l-Evanġelista jippreżentalna lil Ġesùjgħallem fit-tempju.[142] Wara t-tlugħ ta' Ġesù fis-sema, imbagħad, naqraw kif id-dixxipli marru lura Ġerusalemm u hemm "qagħdu l-ħin kollu *fit-tempju* jbierku lil Alla."[143]

L-Atti jkompli din l-istampa li nbdiet fl-ewwel volum. San Luqa jinfurmana kif dawk li emmnu kienu jiltaqgħu b'mod regulari fil-btieħi tat-tempju,[144] u kif l-appostli kienu jagħtu x-xhieda tagħhom dwar Ġesù u l-messaġġ tiegħu. Hekk naqraw: "u kuljum, *fit-tempju* u fi djarhom, kienu jgħallmu u jxandru bla waqfien li Ġesù hu l-Messija."[145]

Għal xi żmien, it-tempju baqa' jservi bħala l-post tal-qima pubblika għall-ewlenin insara f'Ġerusalemm. Minn dak li nsibu f'Atti 3:1 jidher li dawn l-insara baqgħu jiltaqgħu fit-tempju għall-ħinijet tat-talb tal-Lhud. Hekk naqraw: "Pietru u Ġwanni kienu telgħin it-tempju għat-talb tat-tlieta ta' wara nofsinhar."[146] Id-disa' siegħa (it-tlieta ta' wara nofsinhar) li qed isemmi hawn l-Atti, kien il-ħin li fih kien isir it-talb bl-offerta maħruqa u bl-inċens.[147]

L-użu ta' l-artiklu definittiv u l-plural fl-espressoni "it-talb" [bil-Grieg: *tais proseuxais]* f'Atti 2:42 jissuġġerixxu li din hi riferenza għall-waqtiet tat-talb speċifiku Lhudi, u mhux għal xi talb ieħor ġenerali. Fil-fatt, l-istoriku Lhudi, Ġużeppi Flavju jgħidilna kif is-sagrifiċċji pubbliċi kienu jiġu offruti fit-tempju "darbtejn kuljum, filgħodu kmieni u madwar *id-disa' siegħa.*"[148]

Dan l-episodju, mela, jurina li f'dan il-perijodu inizjali li jsemmi l-Atti, l-ewlenin insara żammew ir-rabtiet li kellhom ma' l-użanzi tradizzjonali tat-twemmin Lhudi. Li kieku dawn l-insara riedu jaqtgħu għal kollox mit-twemmin Lhudi, ma kinux imorru għal dan is-servizz liturġiku fit-tempju ta' Ġerusalemm bħalma naqraw fl-Atti 3:1.[149]

Minkejja dan, iżda, l-fatt li l-ewlenin insara kkonċentraw il-predikazzjoni tagħhom fuq Ġesù, bħala l-uniku mezz ta' salvazzjoni, it-tempju - il-post li fih kien isir dan - inbidel f'arena li fiha dawn l-istess insara bdew jiġu iffaċjati b'oppożizzjoni u aktar tard arrestati,[150] kif ukoll maqtula.[151] Bid-diskors ta' Stiefnu, li hu jagħmel qabel ma jiġi mħaġġar,[152] it-tempju jieħu tifsira oħra. Dan il-post "qaddis" jitlef l-importanza tiegħu.

Minn issa 'l quddiem il-post fejn Alla jgħammar, u allura l-post tas-salvazzjoni, ma baqax aktar it-tempju ta' Ġerusalemm, iżda l-persuna ta' Ġesù li issa kien jinsab fil-leminija tal-Missier fis-sema.[153] Dan ifisser li l-qima ta' Iżrael issa ġiet spostata u ri-mobilizzata mit-tempju għall-persuna ta' Ġesù Kristu, il-Mulej.

Il-fedeltà ta' dawn l-ewlenin insara għat-talb liturġiku Lhudi, kif naqraw fl-ewwel paġni ta' l-Atti, ma teskludix il-fatt li huma ma kellhomx ukoll postijiet u ħinijiet oħra għat-talb tagħhom. Minbarra t-tempju, jissemmew id-djar. Hekk naqraw kif id-dixxipli miġburin "fil-kamra ta' fuq tad-dar fejn kienu joqogħdu"[154] kienu "ilkoll qalb waħda jitolbu flimkien."[155]

San Luqa jkompli jitkellem fuq it-talb matul in-narattiva ta' l-Atti. Huwa jippreżentalna lil din il-komunità nisranija tal-bidu titlob fl-aktar waqtiet importanti tal-ħajja tagħha, l-istess kif Ġesù jagħmel fl-Evanġelju skond San Luqa.[156]

It-talb jissemma qabel l-għażla ta' dak li kellu jissostitwixxi lil Ġuda.[157] L-appostli talbu qabel dak li baqa' magħruf bħala l-"Pentekoste tas-Samaritani",[158] kif ukoll qabel il-"Pentekoste tal-Pagani."[159]

Waqtiet oħra importanti ta' talb huma l-laqgħa li ssir biex jintradd ħajr lil Alla talli ħeles lill-appostli mill-persekuzzjoni u biex jitolbu ħalli tintwera l-qawwa ta' l-Evanġelju.[160] Aktar 'il quddiem fin-narrattiva, San Luqa jippreżentalna lill-mexxejja jiltaqgħu biex jitolbu għal dawk li kienu se jibdew xi ministeru ġdid.[161] Fil-kapitlu 12, imbagħad, naqraw laqgħa tal-knisja biex isir talb għall-ħelsien ta' Pietru mill-ħabs.[162]

Filwaqt li qed nitkellmu fuq it-talb, tajjeb ngħidu li, minkejja li San Luqa jinfurmana li hekk kif Ġesù tela' s-sema id-dixxipli "inxteħtu fl-art iqimuh",[163] dan il-verb [bil-grieg *proskunein]* li jintuża hawn ma nsibuhx fl-Atti biex jiddeskrivi l-qima fit-talb ta' dawn l-ewlenin insara. B'danakollu, San Luqa jgħidilna li l-istqarrija ta' Ġesù Kristu bħala l-Iben ta' Alla, il-Mulej u s-Salvatur, kienet il-qalba ta' xi wħud mit-talbiet li nsibu fl-Atti. Hekk turi, per eżempju, it-talba li Stiefnu joffri lil Ġesù bħala l-Mulej: *"Mulej Ġesù* [bil-Grieg: *kurie Iesiou*] ilqa' r-ruħ tiegħi... Mulej tgħoddulhomx dan id-dnub."[164] Hananija wkoll talab lil Ġesù u indirizzah bħala "il-Mulej."[165]

In-narrattiva ta' l-Atti turina kif l-isem ta' Ġesù bħala l-Mulej jirrappreżenta l-awtorità divina tiegħu. Permezz ta' l-isem ta' Ġesù huwa jingħataw il-barkiet u l-qawwa tas-salvazzjoni li kien hemm marbutin miegħu.[166] Pietru jagħmel l-ewwel miraklu permezz ta' dan l-isem.[167] Lil magħtub minn twliedu li kien ħdejn il-bieb tat-tempju jittallab il-karità, Pietru qallu: *"fl-isem ta' Ġesù Kristu ta' Nazaret,* imxi!"[168]

Il-fejqan hawn mhux qed isir minħabba li qed tingħad il-formula t-tajba, iżda minħabba li Ġesù qed jiġi magħruf quddiem l-oħrajn bħala l-uniku għajn ta' għajnuna u salvazzjoni. Hekk jispjega Pietru fid-diskors li hu jagħmel biex juri kif seħħ dan il-miraklu.[169]

## KONKLUŻJONI

Il-kontribut ta' Luqa-Atti għal-letteratura nisranija huwa wieħed imprezzabbli, mhux biss għall-insara ta' żmienu li għalihom kien qed jikteb, iżda wkoll għalina llum.

Fil-bidu ta' l-ewwel kitba tiegħu, San Luqa jgħarraf lil Teofilu li hu xtaq jiktiblu: "kollox ħaġa b'ħaġa biex tagħraf sewwa l-verità sħiħa dwar kull ma tgħallimt."[170] San Luqa ma jagħmilx dan biss billi jippreżentalna narrattiva fuq Ġesù Kristu ta' Nazaret, iżda wkoll billi jagħtina narrattiva ta' kif twieldet u żviluppat il-Knisja.

B'danakollu hu importanti li meta naqraw dawn iż-żewġ kitbiet ta' San Luqa niftakru li hawn m'għandniex sempliċiment storja *(history)*. San Luqa ħallat din *l-istorja* ma' doża qawwija ta' teoloġija biex b'hekk il-prodott aħħari li tana hu *l-interpretazzjoni teoloġika* ta' dawk "il-ġrajjiet li seħħew fostna."[171]

B'dan nifhmu li San Luqa ma kienx sempliċiment interessat li jippreżentalna "storja" *(history)*, anke jekk fil-bidu ta' l-ewwel kitba tiegħu jgħid lil Teofilu li bir-reqqa kollha qagħad ifittex it-tagħrif dwar kull ma ġara sa mill-bidunett.[172] Minflok, San Luqa kien aktar interessat li jagħtina *t-tifsira* jew *is-sinifikat* ta' l-istorja.[173]

Fil-każ tas-suġġett li ttrattajna f'dan l-artiklu, dan ifisser li d-deskrizzjonijiet li jagħtina San Luqa dwar il-ħajja ta' l-ewlenin insara mhumiex sempliċiment deskrizzjonijiet storiċi ta' dak li kien isir. L-awtur jidher li kien qed jiddeskrivi l-ħajja ta' din il-komunità nisranija tal-bidu biex jippreżentaha bħala mudell għall-insara ta' żmienu.

Dan ma jfissirx li l-ewwel insara ma kinux magħqudin flimkien, jew li ma kinux jaqsmu l-ġid tagħhom bejniethom kif naqraw fl-Atti ta' l-Appostli. Dan kollu jidher li hu minnu. Iżda l-inċidenti ta' Ananija u Safira li ppruvaw iqarrqu bl-aħwa tal-komunità, l-għażla tas-seba' djakni bħala tweġiba għat-tgergir tal-Lhud Griegi "għax dehrilhom li ma kienx hemm min jieħu ħsieb ir-romol tagħhom fil-ministeru ta' kuljum",[174] u l-kwistjonijiet fuq l-ikliet ta' l-insara Lhud ma' nsara oħra mhux ċirkonċiżi,[175] juruna li minkejja l-istampa ideali li San Luqa jipprova joffrilna, xorta waħda jidher li kien hemm problemi serji fil-ħajja ta' dawn l-insara.

Id-deskrizzjonijiet li ħallielna San Luqa fl-Atti meta jiġi biex jitkellem mill-knisja ta' Ġerusalemm li kienet tħabrek biex iżżomm sħiħ "fit-tagħlim ta' l-appostli u fl-għaqda ta' bejniethom, fil-qsim tal-ħobż u fit-talb",[176] kellu impatt kbir fuq il-Knisja fiż-żminijiet kollha, inkluż iż-żmien li fih qed ngħixu aħna llum. Dan juri r-rilevanza ta' dawn it-testi li rridu nħarsu lejhom b'aktar serjetà.

---

## Noti

1 Fuq dan l-argument ara: J.A. Fitzmyer, *The Gospel According to Luke*. Anchor Bible 28. Garden City, NY: Doubleday, 1981, 35-53; Ara wkoll, W.C. Van Unnik, "The Book of Acts" in D.E. Orton (ed.), *The Confirmation of the Gospel in the Composition of Luke's Gospel: Selected Studies from Novum Testamentum*. Brill: Leiden, 1999, 184-217.

2 Lq 1:3; Atti

3 Ara F. Mosetto, "Fu Elevato in Alto", Atti Degli Apostoli. *Parole di Vita* XLIII/1 (1998) 12-16. Ara wkoll J.A. Fitzmyer, "The Ascension of Christ and Pentecost" in *To Advance the Gospel: New Testament Studies*. Grand Rapids, Michigan/ Cambridge: Eerdmans, 2nd edn., 1981, 265-194.

4 Atti 1:1

5 Atti 1:1

6 Atti 1:2

7 Atti 1:9

8 Atti 1:8

9 Għal studji fuq dan is-suġġett ara: H.J. Cadbury, "Names for Christians and Christianity in Acts" in F.J. Foackes Jackson and K. Lake (eds.), *The Beginnings of Christianity: Part I, The Acts of the Apostles*, 5 vols. Grand Rapids, MI: Baker House, 2nd edn., 1979, 375-392.

10 Ara wkoll Atti 6:2.7; 9:1.25.38; 11:26.29; 13:52; 14:20.22.28; 15:10; 19:1.9.20; 20:1.20; 21:4.16. Dwar id-dixxipulat f'Luqa-Atti ara: R.N. Longenecker, "Taking up the Cross Daily: Discipleship in Luke-Acts" in R.N. Longenecker (ed.), *Patterns of Discipleship in the New Testament*. Grand Rapids, Michigan/ Cambridge: Eerdmans, 1996, 50-76. Ara wkoll D.M. Sweetland, "Following Jesus: Discipleship in Luke-Acts" in R. Earl (ed.), *New Views on Luke and Acts*. Collegeville, Minnesota: The Liturgical Press, 1990, 109-123

11 Ara Atti 9:36 - "F'Ġaffa, kien hemm waħda mid-dixxipli jisimha Tabita."

12 Atti 1:14

13 Atti 9:13.32.41; 26:10

14. Salm 34:10; Isaija 4:3; Dan 7:18.22
15. Atti 9:2; 19:9.23; 22:4; 24:14.22
16. Atti 19:9.23
17. Atti 24:22
18. E. Haenchen, *The Acts of the Apostles: A Commentary*. Philadelphia: Westminister, 1971, 320.
19. Atti 18:25
20. Atti 18:26. Hemm ukoll riferenza għal dan l-isem fil-letteratura ta' Qumran. Hawn l-espressjoni "it-Triq" tirreferi qabel xejn għall-osservanza stretta tal-Liġi ta' Mosè kif mifhuma minn din il-komunità (1 QS 8: 12-15 tikkwota lil Isa 40:3 fejn "it-Triq" hija interpretata bħala "l-istudju tal-Liġi." Fuq dan l-argument ara Y. Yadis, *The Temple Scroll*, 3 vols. Jerusalem: Israel Exploration Society, 1983.
21. Fuq l-oriġini ta' dan l-isem fl-użu ta' l-Atti ara: J.A. Fitzmyer, "The Designation of Christians in Acts and their Significance" in *To Advance the Gospel: New Testament Studies*, Grand Rapids, Michigan/Cambridge: Eerdmans, 2nd edn., 1998, 322-323.
22. Atti 8:3; 11:22; 12:1-5; 15:4.22; 18:22
23. Atti 11:26; 13:1; 14:27; 15:3
24. Atti 14:23
25. Atti 15:41
26. Atti 20:17-28
27. Atti 16:4
28. Atti 9:31
29. Teżisti diskussjoni fl-istudji bibliċi jekk il-verb "sejħulhom" [bil-Grieg: *chrematisai]* ifissirx "sejħulhom" jew "sejħu lilhom infushom." Fuq dan l-argument ara C. Cecchelli, "Il nome e la 'setta' dei Cristiani", *Rivista di Archeologia Cristiana* 31 (1955) 55-73. Ara wkoll H.B. Mattingly, "The Origin of the Name *Christiani*", *Journal of Theological Studies* 9 (1958) 26-37.
30. Atti 28:22
31. F.F. Bruce, The Acts of the Apostles. London: SCM Press, 1951, 422.
32. Lq 5:17
33. Lq 15:5; 26:5
34. Atti 13.5.9/17
35. Atti 1:16; 9:30; 10:23; 11:1.12.29; 12:17; 14:2; 15:3-22.32.33.30; 17:6.10.14; 18:18.27; 21.7.17.20; 28:14.15
36. Atti 2:44; 4:32; 5:14.15; 18:27; 19:18; 22:19
37. Atti 2:47
38. Atti 20:28-29
39. J.T. Johnson, *The Acts of the Apostles*, Sacra Pagina Series. Collegeville/ Minnesota: The Liturgical Press, 1992, 61.
40. Atti 2: 42-47
41. Atti 2: 1-41
42. Atti 3:1 - 4:31

13 Atti 2:46

14 Atti 2:47

15 Atti 3:9

16 Bagni, "Un cuor solo ed un anima sola (At 2, 42-48)", Atti degli Apostoli. *Parole di Vita* XLIII/1 (1998) 42.

17 Lq 24:51

18 Lq 24:52-53

19 Lq 24:46-47

20 Atti 2:14

21 Atti 2:38. Fuq l-importanza tal-ġrajja tal-Pentekoste fl-Atti ara: R. Zehnle, *Peter's Pentecost Discourse.* Society for New Testament Studies, Monograph, 15. Nashville: Abingdon Press, 1971. Ara wkoll W. Shepherd, *The Narrative Function of the Holy Spirit as Character in Luke-Acts.* Atlanta: Scholars Press, 1994. M. Turner, *The Holy Spirit and Spiritual Gifts: Then and Now.* Cumbria: Pater Noster Press, 1996, 37-56.

22 G. Betori, "Luke 24:47: Jerusalem and the Beginning of the Preaching to the Pagans in the Acts of the Apostles" in G. O'Collins and G. Marconi (eds.), *Luke and Acts.* New York/Mahwah: Paulist Press, 1993, 105. Ara wkoll J.A. Fitzmyer, *The Gospel According to Luke,* AB 28A; Garden City, NY: Doubleday, 1985, 1581.

23 H. Conzelmann, *The Theology of St. Luke.* London and New York: Faber and Harper & Row, 1960, 133.

24 J.C. O'Neill, *The Theology of Acts in its Historical Setting.* London: SPCK, 2nd edn., 1970, 59-76.

25 Għal aktar dettalji fuq it-tifsira ta' Ġerusalemm f'Luqa-Atti ara G. Betori, "Luke 24-47: Jerusalem and the Beginning of the Preaching to the Pagans" in G. O'Collins and G. Marconi, (eds.), *The Acts of the Apostles,* New York/Mahwah: Paulist Press, 1993, 103-122.

26 Atti 2:2-3

27 Atti 2:41

28 Atti 2:42-47

29 L.T. Johnson, *The Acts of the Apostles,* Sacra Pagina Series. Collegeville/Minnesota: The Liturgical Press, 1992, 58. Ara wkoll A. Bagni, "Un Curo solo ed un anima sola (At 2, 42-48)", Atti Degli Apostoli. *Parole di Vita* XLIII/1 (1998) 43

30 Atti 4:32-35; 5:12-16

31 Ara J. Jeremias, *The Eucharistic Words of Jesus.* London: SCM Press, 1966, 118-122; ara wkoll I.H. Marshall, Luke: Historian and Theologian, Exeter: Paternoster, 3rd edn., 1988, 204-206

32 Atti 4:32-37

33 Ara E. Haenchen, "The Book of Acts as Source Material for the History of Earliest Christianity" in L.E.Keck and J.L.Martyn (eds.), *Studies in Luke-Acts,* Nashville and London: Abingdon and SPCK, 2nd edn., 1968, 191.

64. Atti 1:12
65. Atti 1:13
66. Atti 1:4.8
67. Atti 1:16-22. Fuq dan id-diskors ara C. Ostinelli, "La Sostituzione di Giuda", Atti Degli Apostoli. *Parola di Vita* XLIII/1 (1998) 18-20.
68. Atti 1:17
69. Atti 1:16
70. Lq 9:17
71. Lq 22:30
72. J. Jervell, "The Twelve on Israel's Thrones", *Luke and the People of God.* Minneapolis: Augsburg, 1972, 75-112.
73. Ara Lq 1:68
74. Ara Atti 1:18
75. Ara Atti 1:21
76. Dwar il-mewt ta' Ġuda fl-Atti ara: W. Klassen, *Judas. Betrayer or Friend of Jesus?* London: SCM Press, 1996, 168-176. Ara wkoll M. Wilcox, "The Judas Tradition in Acts 1:15-26", *New Testament Studies* 19 (1972-1973) 438-452
77. Atti 1:21-22
78. Atti 1:28
79. Ara Lev 16:8; Num 26:55; 33:54; Ġoż 19:1-40; Mik 2:5; Ġona 1:7-8. Dan l-użu nsibuh ukoll jintuża fil-komunità ta' Qumran (1 QS 5:3; 6:16).
80. Ara Atti 1:21.
81. Ara Atti 2:46
82. Atti 3:11-26; 5:21
83. Fuq dan ara B.B. Blue, "Acts and the House Church" in D.W.J. Gill and C. Gempf (eds.), *The Book of Acts in Its Graeco-Roman Setting,* AICS, vol.2. Grand Rapids/ Carlisle: Eerdmans/Paternoster, 1994, 119-122.
84. Ara J.A.Fitzmyer, "The Use of the Old Testament in Luke-Acts" in *To Advance the Gospel: New Testament Studies,* Grand-Rapids, Michigan/Cambridge: Eerdmans, 2nd edn., 1998, 295-313.
85. Atti 2: 25-28.31.34-35
86. Atti 3:18
87. Atti 8:34
88. Atti 8:35
89. Ara Atti 11:25-26; 18:11; 19:9-10; 20:7-12. 20-21; 28:30-31
90. Atti 2:42
91. Ara J.Y. Campell, "*Koinonia* and Its Cognates in the New Testament" in *Three New Testament Studies.* Leiden: E.J. Brill, 1965, 1-28.
92. Ara C.F.D. Moule, *Worship in the New Testament.* Bramcote: Grove, 2nd edn., 1977, 18-19.
93. Ara Atti 2:38-41

94. Atti 4:32
95. Ara Atti 1:14; 2:46; 4:24; 5:12. Jista' jagħti l-każ li San Luqa qed juża l *koinonia* bħala wieħed mill-ewwel ismijiet ta' din il-komunità. Hekk ukoll jidher mit-testi ta' Qumran, fejn *koinonia* aktarx li tirrifletti l-isem Esseni għall-komunità tagħhom *yahad*(1 QS 1:1, 16; 5:1, 2, 16: 6:21; 7:20; ara wkoll J.A. Fitzmyer, "Jewish Christianity in Acts in Light of the Qumran Scrolls" *Essays on the Semitic Background of the New Testament*. Missuola, MT: Scholars, 2nd edn., 1974, 283-284.
96. Ara Atti 6:1-2
97. Fuq din il-konklużjoni ara D.P. Seccombe, *Possessions and Poor in Luke-Acts*. Linz: SNTU, 1982, 200-209.
98. D. Peterson, "The Worship of the New Community" in I.H. Marshall and D. Peterson (eds.), *Witness to the Gospel: The Theology of Acts*. Grand Rapids, Michigan/Cambridge: Eerdmans, 1998, 391.
99. Xi ħaġa simili nsibuha wkoll fil-komunità ta' l-Esseni kif naqraw fil-letteratura ta' Qumran. Fir-riti ta' l-inizjazzjoni tagħhom, il-membri ta' din il-komunità, kienu jgħaddu l-proprjetà privata tagħhom għall-benefiċċji ta' l-istess komunità. Fuq dan ara B.J. Capper "The Interpretation of Acts 5:4", *Journal for the Study of the New Testament*, 19 (1983) 117-131.
100. Atti 4:32
101. Atti 2:46; 5:42
102. Atti 12:12
103. Atti 5:1-11. Ara J.M.D. Derrett, "Ananias, Sapphira, and the Right of Property", *Downside Review* 89 (1971) 225-232.
104. Atti 4:34
105. Atti 4:32
106. Atti 2:42
107. Atti 2:46
108. Ara A.M. Okorie, "Meals As Type-Scenes in the Third Gospel", *Melita Theologica* XLVII/1 (1996) 17-26.
109. Lq 9:16
110. Lq 22:19
111. Lq 24:30
112. Atti 2:46
113. Lq 24:1.13
114. Lq 24:25-27
115. Atti 2:42
116. J.A. Fitzmyer, *The Gospel According to Luke*. AB 28A. Garden City, NY: Doubleday, 1985, 1559.
117. F. Giulbiati, *L'Eucaristia nella Bibbia*. Milano: Jaca Book SpA, 2nd edn., 1999, 170.
118. 1 Kor 10:16
119. J. Jeremias, *The Eucharistic Words of Jesus*. London: SCM Press, 1966, 120-121.

120. Atti 20:7
121. Atti 20:11
122. Fuq din il-pożizzjoni ara: I.H. Marshall, *The Acts of the Apostles: An Introduction and Commentary.* Leicter and Grand Rapids: IVP and Eerdmans, 1980, 325.
123. Ara, M.M.B. Turner, "The Sabbath, Sunday and the Law in Luke-Acts" in D.A. Carson (ed.), *From Sabbath to Lord's Day: A Biblical Historical and Theological Investigation.* Grand Rapids: Zondervan, 1982, 99-157.
124. L.T. Johnson, *The Acts of the Apostles,* Sacra Pagina Series. Collegeville/ Minnesota: The Liturġical Press, 1992, 356.
125. G. Wainwright, "Lord's Supper, Love Feast" in R.P. Martin and P.H. Davids, (eds.), *Dictionary of the Later New Testament and Its Developments.* Leicester: InterVarsity, 1997, 688.
126. Atti 20:7. Ara E.Galbiati, *L'Eucaristia nella Bibbia.* Milano: Jaca Book SpA, 2nd edn., 1999, 171.
127. D. Peterson, "The Worship of the New Community" in I.H. Marshall and D. Peterson (eds.), *Witness to the Gospel: The Theology of Acts.* Grand Rapids, Michigan/Cambridge: Eerdmans, 1988, 392-393.
128. Behm, "klao" in Gerhard Kittel and Gerhard Friedrick (eds.), *Theological Dictionary of the New Testament.* Trans. Geoffrey W. Bromiley, Grand Rapids: Eerdmans, 1967, vol.III: 730.
129. Atti 2:46
130. Lq 22:14-20
131. *Didaché. It-Tagħlim tat-Tnax-il Appostlu.* Maqlub għall-Malti mit-test Grieg b'noti ta' tifsir minn Donat Spiteri OFMCap, Floriana: 1999, n.14 u n.9.
132. *Ignatius Eph.* 20:2. Id-data ta' dawn l-ittri tvarja minn 100 - 118 A.D.
133. L. Morris, "The Saints and the Synagogue" in M.J. Wilkens and T. Taige, (eds.), *The Early Church. Essays in Honor of R.P. Martin.* Sheffield: JSOT Press, 1992, 39-52.
134. Atti 2:42
135. Ara J. Alsup, "Prayer, Consciousness and the Early Church: A Look at Acts 2:41-47 Today", *Austin Seminary Bulletin* 101 (1985) 31-37.
136. Ara M.M.B. Turner, "Prayer in the Gospels and Acts" in D.A. Carson (ed.), *Teach Us to Pray: Prayer in the Bible and the World.* Grand Rapids: Baker, 1990, 58-83
137. J.B. Chance, Jerusalem. *The Temple and the New Age in Luke-Acts.* Macon, GA: Mercer University Press, 1978. Ara wkoll D. Peterson, *Engaging with God. A Biblical Theology of Worship.* Grand Rapids/Leicester: Eerdmans/Apollos 1992, 42-48.
138. Ara Lq 1:5-22; 2:41-50
139. Lq 2:25-38
140. Lq 9:51-19:46
141. Lq 19:45-46

142 Ara Lq 19:47-48. Ara wkoll 21:37-38

143 Lq 24:53

144 Ara Atti 2:46; 5:12

145 Atti 5:42. Ara wkoll 3:11-26; 4:2

146 Atti 3:1

147 Dan kien isir skond ma hemm miktub fl-Eżodu 29:38-4

148 *Jewish Antiquities* 14.4.3

149 Fuq dan l-argument ara, E. Franklin, *Christ the Lord: A Study in the Purpose and Theology of Luke-Acts* London: SPCK, 1975, 78.

150 Fuq il-persekuzzjonijiet ta' l-ewlenin insara fl-Atti ara, J.J. Kilgallen, "Persecutions in the Acts of the Apostles" in G. O'Collins and G. Marconi (eds.), *Luke And Acts*. New York/Mahwah N.Y: Paulist Press, 1991, 143-160.

151 Ara Atti 4:3; 5:25-26. Ara wkoll 21: 27-30

152 Atti 7. Fuq id-diskors ta' Stiefnu ara J. Kilgallen, "The Stephen Speech: A Literary and Redactional Study of Acts 7, 2-53", *Analecta Biblica* 67. Rome: Pontifical Biblical Institute, 1976.

153 Ara, D. Sylva, "The Meaning and Function of Acts 7:46-50", *Journal of Biblical Literature* 106 (1987) 261-275. Ara wkoll J.J. Kilgallen, "The Function of Stephen's Speech (Acts 7:2-53)", *Biblica* 70 (1989) 173-193.

154 Atti 1:13

155 Atti 1:14

156 Ara D.K. Falk, "Jewish Prayer Literature" R. Bauckham, (ed.), *The Book of Acts in its Palestinian Setting*. AICS vol. 4 Grand Rapid/Carlisle: Eerdmans/Paternoster, 1995, 268-276. Ara wkoll M.M.B. Turner, "Prayer in the Gospels and Acts" in D.A. Carson (ed.), *Teach Us to Pray: Prayer in the Bible and the World*. Grand Rapids: Backer, 1992, 52-83.

157 Atti 1:24

158 Atti 8:15

159 Atti 10:9

160 Atti 4: 24-30

161 Atti 6:6; 13:3; 14:23

162 Atti 12:5.12

163 Lq 24:52

164 Atti 7:59-60

165 Atti 9:10-17

166 Atti 2:38; 3:6.16; 4:10.12

167 Atti 3:6

168 Ara Atti 3:5. Ara wkoll J.A. Ziesler, *The Name of Jesus in the Acts of the Apostles*, Journal for the Study of the New Testament 4, Sheffield: Sheffield Academic Press, 1979, 28-32.

169 Atti 3:12-26. Ara O. Hamm, "Acts 3:1-10: The Healing of the Temple Beggar as Lukan Theology", *Biblica* 67 (1986) 305-319.